**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 801/01**

**A. & P. Caruana Co. Ltd.**

**vs**

**Saviour Psaila**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm204.50c (mitejn u erba' liri u hamsin centezmu) bilanc minn somma akbar, prezz ta' prodotti tal-merca mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Oltre is-sorte, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Frar 2001 flimkien ma' l-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Anthony Caruana jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**